Tas-Sliema	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 39 in Triq San Neriku; of tenement No 1, in Belvedere Terrace; of tenement No 26 and 26A in Triq Manwel Dimech; of tenement No 247 in Triq Santa Liena; of tenement No 52 in Triq Gafar;*	*The Government of Malta*		
Valletta	Il-fond Nru 49 fi Triq Santa Zakkarija;	Il-Gvern ta' Malta		840/06
Valletta	*Tenement No 49 in Triq Santa Zakkarija;*	*The Government of Malta*		
Valletta	L-appartament Nru 1A, formanti parti mill-fond Nru 157 fi Triq Merkanti, inkluzi l-'washroom u l-arja taghha, u sehmu mill-partijiet komuni;	Alexia Frendo	129180M	912/06
Valletta	*Apartment No 1A, forming part of tenement No 157 in Triq Merkanti, including the washroom and its airspace, and its share of the common parts;*			
Wied il-Ghajn	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' ta' Plot 12 tal-kejl ta' 1,130 m.k., fil-Bajja ta' San Tumas;	Il-Gvern ta' Malta		844/06
Wied il-Ghajn	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of Plot 12 covering an area of 1,130 s.m., at St Thomas Bay;*	*The Government of Malta*		
Wied il-Ghajn	Plots 16, 17, 18 u 19 tal-kejl ta' 1,861 m.k., fi Triq Thomas Ashley;	Legat Vittoria De Modica anness mal-Mensa Kapitulari, Bormla		864/06
Wied il-Ghajn	*Plots 16, 17, 18 and 19 covering an area of 1,861 s.m., in Triq Thomas Ashley;*	*Legacy Vittoria De Modica annexed to the Mensa Capitolare, Cospicua*		
Wied il-Ghajn	Bicca art tal-kejl ta' 9,550 m.k.; bicca art tal-kejl ta' 3,804 m.k.; u bicca art tal-kejl ta' 1,821 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		1004, 1005 u 1006 ta' l-2006
Wied il-Ghajn	*A plot of land covering an area of 9,500 s.m.; a plot of land covering an area of 3,804 s.m.; and a plot of land covering an area of 1,821 s.m.;*	*The Government of Malta*		
Wied il-Ghajn	Bicca art tal-kejl ta' 23,269 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		1043/06

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Wied il-Ghajn	*A plot of land covering an area of 23,269 s.m.;*	*The Government of Malta*		
Wied il-Ghajn	Il-Kappella ta' San Gejtanu fi Triq id-Dahla ta' San Tumas; il-Kappelli tal-Madonna tad-Dawl u ta' Sant' Antnin fi Triq il-Bidni; id-Domus Curialis fi Triq San Gorg u l-Kappella tal-Madonna tal-Konsolazzjoni fi Triq iz-Zonqor; il-Kappella ta' Sant' Anna fi Triq La Sengle;	Il-Knisja Parrokkjali ta' Wied il-Ghajn		1059, 1060, 1068 u 1073 ta' l-2006
Wied il-Ghajn	*The Chapel of St Gaetan in Triq id-Dahla ta' San Tumas; the Chapels of Our Lady of Light and of St Anthony in Triq il-Bidni; the Domus Curialis in Triq San Gorg and the Chapel of Our Lady of Consolation in Triq iz-Zonqor; the Chapel of St Anne in Triq La Sengle;*	*The Parish Church of Marsascala*		
Wied il-Ghajn	Id-dirett dominju perpetwu ta' Plots 32 u 33 tal-kejl ta' 310 m.k., fi Triq Salvu Buhagiar;	Il-Gvern ta' Malta		1087/06
Wied il-Ghajn	*The perpetual direct dominium of Plots 32 and 33 covering an area of 310 s.m., in Triq Salvu Buhagiar;*	*The Government of Malta*		
Wied il-Ghajn	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' ta' Plot 14 tal-kejl ta' 1,190 m.k., fi Triq il-Qaliet;	Il-Gvern ta' Malta		1093/06
Wied il-Ghajn	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of Plot 14 covering an area of 1,190 s.m., I in Triq il-Qaliet;*	*The Government of Malta*		
Zejtun	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' ta' Porzjoni 9 tal-kejl ta' 210 m.k., fi Triq il-President Anton Buttigieg;	Il-Gvern ta' Malta		848/06
Zejtun	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of Portion 9 covering an area of 210 s.m., in Triq il-President Anton Buttigieg;*	*The Government of Malta*		
Zejtun	Id-dirett dominju perpetwu tal-fond Nru 21 fi Triq Xejba; tal-fond jismu 'Benvenue' fi Triq il-President Anton Buttigieg;	Il-Gvern ta' Malta		937 u 940 ta' l-2006
Zejtun	*The perpetual direct dominium of tenement No 21 in Triq Xejba; of the tenement named 'Benvenue' in Triq il-President Anton Buttigieg;*	*The Government of Malta*		
Zejtun	Bicca art tal-kejl ta' 72 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		1002/06
Zejtun	*A plot of land covering an area of 72 s.m.;*	*The Government of Malta*		
Zejtun	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond Nru 66 jismu 'Poljoe' fi Vjal Sir Paul Boffa;	Il-Gvern ta' Malta		1067/06
Zejtun	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 66 named 'Poljoe' in Vjal Sir Paul Boffa;*	*The Government of Malta*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Zurrieq	Korrezzjoni ta' LRA 2264/1996. B' dan qed navza li rcevejt minghand l-Ufficju Kongunt l-applikazzjoni LRA 853/2006 korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata ma' l-applikazzjoni originali;	Il-Gvern ta' Malta		853/06
Zurrieq	*Correction of LRA 2264/1996.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 853/2006 a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plan related to the original application;*	*The Government of Malta*		
Zurrieq	Id-dirett dominju perpetwu ta' Plot 31 tal-kejl ta' 238 m.k., fi Triq Frangisku Zahra;	Il-Gvern ta' Malta		997/06
Zurrieq	*The perpetual direct dominium of Plot 31 covering an area of 238 s.m., in Triq Frangisku Zahra;*	*The Government of Malta*		
Zurrieq	The land Tal-Hniena tal-kejl ta' 6,218 m.k., f' Bir il-Wilga;	Il-Gvern ta' Malta		1075/06
Zurrieq	*The land Tal-Hniena covering an area of 6,218 s.m., at Bir il-Wilga;*	*The Government of Malta*		
Zurrieq	Id-dirett dominju perpetwu ta' parti mill-Klawsura ta' Taht ir-Rahal tal-kejl ta' 507 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		1086/06
Zurrieq	*The perpetual direct dominium of part of Klawsura ta' Taht ir-Rahal covering an area of 507 s.m.;*	*The Government of Malta*		
Zurrieq	Korrezzjoni ta' LRA 2109/04 u LRA 21l0/04. B' dan qed navza li rcevejt minghand in-Nutar Joseph R Darmanin applikazzjonijiet LRA 1095/2006 u LRA 1096/06 fis-sens illi dawn ta' l-ahhar qeghdin jissostitwixxu kompletament l-applikazzjonijiet originali;	Paola Bezzina Mary Cucciardi et	143632M 61859M	1095 u 1096 ta' l-2006
Zurrieq	*Correction of LRA 2109/04 and LRA 2110/04.* *I am hereby giving notice that I have received from Notary Joseph R Darmanin applications LRA 1095/06 and LRA 1096/06 in the sense that the lather are totally substituting the original applications;*			

L-applikazzjonijiet, pjanti ta' l-art u d-dokumenti preżentati magħhom, jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru ta' l-Artijiet, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. (ħinijiet tax-Xitwa) u bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. (ħinijiet tas-Sajf).

Dott Stephanie Pappalardo, LL.D.
Reġistratur ta' l-Artijiet

Il-25 ta' April, 2006

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. (Winter hours) and between 8.00 a.m. and 11.30 a.m. (Summer hours).

Dr Stephanie Pappalardo, LL.D.
Land Registrar

25th April, 2006

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 13 ta' l-2006

Emenda lill-Avviż lill-Baħħara Nru. 11 ta' l-2006 ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta

B'riferenza għall-Avviż lill-Baħħara Nru. 11 ta' l-2006 ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta, ngħarrfu lill-baħħara li l-braken issa se jittpoġġew 'l hinn mix-Xatt ta' l-Imħażen, kif indikat fiċ-*chart*.

Il-braken se jittpoġġew fil-pożizzjoni indikata nhar is-Sibt, id-29 ta' April 2006 madwar l-4.00 p.m. u jibqgħu fil-pożizzjoni sat-Tnejn filgħodu, l-1 ta' Mejju 2006.

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 Datum.

Chart affettwata: BA 177

Wieħed jista' jara parti miċ-*chart* fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta fuq:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp.

Il-25 ta' April, 2006

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 13 of 2006

Amendment to Notice to Mariners No. 11 of 2006 of the Malta Maritime Authority

With reference to Notice to Mariners No. 11 of 2006 of the Malta Maritime Authority, mariners are informed that the barges will now be placed off Magazine Wharf, as indicated in the chart.

The barges will be placed in the indicated position on Saturday, 29th April 2006 at about 4.00 p.m. and will remain in position until Monday morning, 1st May 2006.

Positions are referred to WGS 84 Datum.

Chart effected: BA 177

Part of chart can be seen on the website of the Malta Maritime Authority at:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp.

25th April, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Registrar* fid-Dipartiment tal-Mediċina fid-Diviżjoni tas-Saħħa, fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet minghand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti għall-postijiet ta' *Registrar* fid-Dipartiment tal-Medi-ċina fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Registrar* fid-Dipartiment tal-Mediċina għandu salarju ta' Lm7,148 fis-sena li jiżdied b'Lm256 fis-sena sa massimu ta' Lm8,684 (Skala ta' Salarju 6).

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tipprovdi servizz residenti *on-call* skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Dan ir-*roster* jieħu ħsieb it-taħriġ skond il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jithallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Registrar in the Department of Medicine in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from qualified Medical Practitioners for the posts of Registrar in the Department of Medicine in the Health Division.

2. The post of Registrar in the Department of Medicine carries a salary of Lm7,148 per annum rising by annual increments of Lm256 up to a maximum of Lm8,684 (Salary Scale 6).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to provide resident on-call service in accordance with an established roster which will include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata tiħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tagħmel parti mid-Dipartiment tal-Mediċina u tkun taqa' taht il-Konsulenti u fl-aħħarnett taħt iċ-*Chairman* tad-Dipartiment.

5.2. Il-post ta' *Registrar* jifforma parti integrali tal-programm ta' taħriġ mediku fid-Dipartiment tal-Mediċina u huwa adatt għal dawk il-kandidati li jixtiequ jaqbdu karriera fil-Mediċina. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem, kull tant żmien meta jmissha, fl-ispeċjalitajiet varji tal-mediċina li jkunu determinati miċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Mediċina u li jieħdu ħsieb il-ħtiġiet tat-taħriġ tar-*Registrar* fil-Mediċina, kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Hi mistennija li tieħu parti fl-attivatijiet akkademiċi u ta' taħriġ u f'laqgħat tad-Dipartiment tal-Mediċina.

5.3. Il-persuna nominata hija mistennija li tkompli tagħmel ix-xogħol ta' *Senior House Officer* iżda f'livell ogħla ta' responsabbiltà. Hija trid tkun kapaċi tagħmel dijanjożi ta' każi ta' mediċina aktar komplikati u timmaniġġjahom u trid tiżviluppa l-ħila tagħha fil-Mediċina. Hija tkun responsabbli direttament lejn il-konsulent inkarigat mill-pazjenti. Id-dmirijiet u responsabbilitajiet ewlenin tal-post huma kif ġej:

a) tieħu sehem billi kuljum tipprovdi l-kura medika ta' rutina u ta' emerġenza għall-livell xieraq ta' dan il-grad, għal dawk rikoverati fl-Isptar San Luqa. Dan jinkludi ordni ta' investigazzjoni u ta' tibdil fit-trattament skond kif hi thoss meħtieġ, taħt is-superviżjoni tal-konsulent;

b) attendenza għall-*ward rounds* kemm mal-Konsulent kif ukoll waħedha skond kif meħtieġ;

ċ) xogħol ta' proċeduri kif meħtieġ (bħal *pleural aspiration*, *paracentesis*, *lumbar puncture* u *bone marrow aspirations*);

d) attendenza għall-*outpatient clinics* kif meħtieġ;

e) arranġament għad-dħul fl-isptar u tħejjija ta' *discharge summaries* u ta' kull korrispondenza mal-*General Practitioners*, kif xieraq;

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee forms part of the Department of Medicine and is accountable to the Consultants and ultimately to the Chairman of the Department.

5.2. The post of Registrar forms an integral part of the medical training programme of the Department of Medicine and is suitable for candidates wishing to pursue a career in Medicine. The appointee will be required to rotate within the various medical specialities as determined by the Chairman of Medicine in a way which will take into account both the Registrar's medical training requirements as well as the exigencies of the service. He/She will be required to participate in teaching and academic activities and meetings of the Department of Medicine.

5.3. The appointee is expected to continue with the duties of the Senior House Officer but at a higher level of responsibility. He/She should be able to diagnose and manage more complicated medical problems and should develop his/her clinical skills. He/She will be directly answerable to the Consultant in charge of the patients. The principal duties and responsibilities of the post are as follows:

a) participation in the day to day provision of routine and emergency medical care at a level appropriate to the grade for in-patients at St.Luke's Hospital. This includes ordering investigations and changing treatment as he/she feels necessary, under the supervision of the Consultant.

b) attending and undertaking ward rounds as required.

c) undertaking procedures (such as pleural aspiration, paracentesis, lumbar puncture, bone marrow aspirations) as necessary.

d) attending outpatient clinics as required.

e) arranging admissions and the preparation of discharge summaries and any correspondence to General Practitioners as appropriate.

f) żamma ta' kuntatt mal-qraba tal-pazjenti;

g) assigurazzjoni li r-*records* tal-pazjenti jkunu preċiżi, aġġornati u li jinqraw;

h) superviżjoni tax-xogħol ta' *House Officers* li ma jkunux għadhom reġistrati u ta' *Senior House Officers* u parteċipazzjoni fit-taħrig tagħhom u tal-istudenti tal-Mediċina li jkunu qed jaħdmu fil-*firm*, skond kif ikun xieraq;

i) provvediment ta' servizzi residenzjali *on call* kif meħtieġ;

j) xogħol minflok kollegi f'emerġenza jew meta dawn ikunu bil-*vacation leave* jew *leave* ieħor;

k) żamma ta' kuntatt mal-kollegi li jkunu xogħol immedjatament qabilha jew warajha biex tassigura komunikazzjoni adekwata u kontinwità ta' kura tal-pazjent. Hija trid iżżomm kuntatt mill-qrib ma' infermiera, ma' ħaddiema professjonali u tekniċi kif ukoll ma' dipartimenti oħra biex tassigura li l-informazzjoni meħtieġa għall-kura tal-pazjent u l-investigazzjonijiet meħtieġa jkunu mifhuma sewwa;

l) obbligu li tkun preżenti, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, għax-xogħol barra mill-ħin normali tar-*roster* tagħha meta dan ikun essenzjali għall-kontinwità tal-kura tal-pazjent.

m) Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

5.4. Il-persuna nominata tkun mistennija li turi ħila li tagħmel il-proċeduri terapewtiċi meħtieġa f'każi ta' *acute medical emergencies*.

6. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni

f) liaison with patients' relatives.

g) ensuring that records of patients are accurate, up to date and legible.

h) supervision of the work of pre-registration House Officers and Senior House Officers and participating in their training, and that of medical students attached to the firm, as appropriate.

i) providing resident on-call services as required.

j) providing cover for colleagues in an emergency or when on vacation or other leave.

k) liaison with colleagues who are on duty immediately before and after himself/herself to ensure adequate communication and continuity of patient care. He/She must liaise closely with nursing, professional and technical staff and other departments to ensure that necessary information on patient care and investigations required are fully understood.

l) undertaking to be available, under exceptional circumstances, for such irregular commitments outside normally rostered duties as are essential for continuity of patient care.

m) The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

5.4. The appointee will be expected to show capability of carrying out the necessary therapeutic procedures in acute medical emergencies.

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current

eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Mediċina (e.g. MRCP jew kwalifika oħra komparabbli xierqa) u sentejn wara r-reġistrazzjoni ta' esperjenza fil-*General Medicine*;

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.2 Hija r-responabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet

legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) be in possession of a higher postgraduate qualification in General Medicine (e.g. MRCP or an approved appropriate comparable qualification) and have two years postregistration experience in General Medicine;

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education

terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-MQRIC jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet;

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummisjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Johroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-publikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali (Saħħa), fi 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Mejju 2006.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Mejju 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than a month from the closing date of the call for applications;

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana

12. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 19th May 2006.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 19th May 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-25 ta' April, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Senior Registrar* (Psikjatrija) fid-Diviżjoni tas-Saħħa, fil- Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-postijiet ta' *Senior Registrar* (Psikjatrija) fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Senior Registrar* (Psikjatrija) għandu salarju ta' Lm7,638 fis-sena li jiżdied b'Lm275 fis-sena sa massimu ta' Lm9,288 (Skala ta' Salarju Nru. 5)

3.1 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roste*r stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm il-darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li teżamina l-pazjenti mentalment u fiżikament, tinvestighom, tikkurahom u tibqa' ssegwihom fil-kura tagħhom.

5.2. Il-persuna nominata tkun mistennija li taħdem dejjem

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

25th April, 2006

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Senior Registrar (Psychiatry) in the Health Division, within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from duly qualified and experienced Medical Practitioners for the posts of Senior Registrar (Psychiatry) in the Health Division.

2. The post of Senior Registrar (Psychiatry) carries a salary of Lm7,638 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm9,288 (Salary Scale 5).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be required to carry out psychiatric and physical examination, investigation, treatment and monitoring of patients.

5.2. The appointee will be expected to work at all times

taħt is-superviżjoni tal-Konsulent inkarigat mill-pazjenti u li tirrapreżentah fl-assenza tiegħu/tagħha.

5.3. Il-persuna nominata tkun trid tissorvelja t-tobba żgħar u li tikkonsulta ruħha mal-membri oħra tal-*multidisciplinary team*.

5.4. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel xogħol ta' konsultazzjoni fi sptarijiet oħra kif imqabbda mid-Direttur tal-Psikjatrija u taħt is-superviżjoni tal-Konsultent li jkun inkarigat minnha.

5.5 Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem, kull tant żmien meta jmissha, fl-ispeċjalitajiet varji tal-psikjatrija li jkunu determinati mid-Direttur tal-Psikjatrija u li jieħdu ħsieb il-ħtiġiet ogħla ta' *Senior Registrar* kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Il-persuna nominata tkun meħtieġ tiżviluppa *sub-specialist/special clinics* kif imqabbda mid-Direttur tal-Psikjatrija.

5.6. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tieħu sehem fil-programmi ta' tagħlim jew taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni li jiġu organizzati mid-Dipartiment tal-Psikjatrija u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.7. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem fid-Dipartiment tal-Psikjatrija u tkun responsabbli lejn il-Konsulent immedjat tagħha u fl-aħħarnett lejn id-Direttur tal-Psikjatrija. Hi tkun suġġetta għal xi reviżjoni ta' dmirijiet kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

5.8. Il-persuna nominata trid tistabilixxi mekkaniżmu xieraq biex tassigura kwalità tas-servizzi u verifika medika.

5.9. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

under the supervision of the Consultant in charge of the patients whom he/she will represent in his/her absence.

5.3. The appointee will be delegated to supervise junior medical staff and to liaise with other multidisciplinary team members.

5.4.The appointee will be expected to carry out consultantion work at other hospitals as detailed by the Director of Psychiatry and under supervision of the relevant Consultant in charge.

5.5 The appointee will be required to rotate within the various psychiatric abilities in a structural training programme to be determined by the Director of Psychiatry and which will take into account both the Senior Registrar's higher requirements as well as the exigencies of the Service. The appointee may be required to develop sub-specialistċ special clinics as detailed by the Director of Psychiatry.

5.6. The appointee will be required to participate in any teaching or training programme for undergraduates or postgraduates, organised by the Department of Psychiatry and to involve himself/herself in on-going research programmes.

5.7. The appointee will be required to work in the Department of Psychiatry and will be responsible to his/her immediate Consultant and ultimately to the Director of Psychiatry. His/her duties will be subject to any review as necessary from time to time.

5.8. The appointee shall establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

5.9 The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must:-

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Psikjatrija (*MRC Psych* jew kwalifika oħra komparabbli xierqa);

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) in possession of a higher postgraduate qualification in Psychiatry (MRC Psych or approved appropriate comparable qualification);

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.2 Hija r-responabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-MQRIC jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibgħatu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet;

9.1 Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Mejju 2006.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Mejju 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-25 ta' April, 2006

8.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than a month from the closing date of the call for applications;

9.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescibed applications forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General at the Health Division, 15, Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 19th May 2006.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 19th May 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

25th April, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Consultant Radiologist* fid-Diviżjoni tas-Saħħa, fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-postijiet ta'*Consultant Radiologist* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Consultant Radiologist* għandu salarju ta' Lm10,503 fis-sena (Skala ta' Salarju 4).

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun soġġetta għal ġimgħa ta' 40 siegħa u wara tkun tista' tissejjaħ fuq bażi ta' *roster*.

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' fil-għodu, imma skond l-esiġenzi tas-servizz, sessjonijiet ta' wara nofsinhar, magħduda s-sessjonijiet ta' l-*outpatients* jistgħu jsiru skond l-arranġamenti approvati mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esigenzi tas-servizz

5.1. Il-persuna fil-grad ta' *Consultant Radiologist* taħdem flimkien maċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-*Medical Imaging* u taqa' taħt id-direzzjoni tiegħu. Hija tista' tkun meħtieġa li tmur fl-isptarijiet oħra u Ċentri tas-Saħħa biex tara l-mod kif isir l-*imaging*. Il-persuna nominata tkun mistennija li tattendi regolarment għal-laqgħat kliniko-radjologiċi u tieħu sehem fil-proċess ta' *Quality Assurance* u verifika li qed jiġi introdott fis-servizz radjoloġiku.

5.2. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li tagħmel regolarment sessjonijiet speċjalizzati fiċ-Ċentri tas-Saħħa skond programmi approvati dwar kura fil-komunità u tista'

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Consultant Radiologist in the Health Division within the Ministry of Health, Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the posts of Consultant Radiologist in the Health Division.

2. The post of Consultant Radiologist carries a salary of Lm10,503 per annum (Salary Scale 4).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be conditioned to a 40-hour week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3. The working hours of the appointee shall not necessarily be limited to morning duties, but in accordance with the exigencies of the service, afternoon sessions including outpatient sessions may have to be carried out as per arrangements approved by the Health Division.

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The Consultant Radiologist will work with and be directly accountable to the Chairman, Department of Medical Imaging. He/She will be offered access to all the imaging modalities that may involve attendance at the other hospitals and health centres in the service. The appointee will be expected to attend regularly at clinico-radiological meetings and partake in the process of quality assurance and audit that is being instituted within the radiological service.

5.2. The appointee may be required to hold regular specialised clinics in the health centres in accordance with approved community care programmes, and may also be

tkun meħtieġa li tagħti servizz f'xi estensjoni futura oħra ta' servizz tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali komprensiva tas-Saħħa.

5.3. Il-persuna nominata tkun mistennija li żżomm ruħha aġġornata ma' l-żviluppi kurrenti fil-qasam tal-*Medical Imaging* u tieħu sehem f'laqgħat *postgraduate* kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Hija tkun meħtieġa li tinvolvi ruħha fl-edukazzjoni kontinwa ta' kollegi kliniċi fil-livelli kollha rigward l-użu xieraq tal-faċilitajiet ta' *imaging*.

5.4. Il-persuna nominata jkollha tieħu parti fir-rapportar ġenerali ta' eżamijiet ta' *Medical Imaging*. Minbarra x-xogħol radjoloġiku, il-persuna nominata tkun mistennija li tagħti servizz konsultattiv lill-kollegi kliniċi tagħha. Ħafna drabi dan isir qabel jew wara sessjonijiet ta' attività klinika mal-pazjent direttament.

5.5. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tinvolvi ruħha fis-superviżjoni ta' *staff* radjoloġiku u radjografiku iżgħar fir-*rank,* kif ukoll ta' impjegati lokali jew barranin li jkunu qed jaħdmu fid-Dipartiment tagħha u turi interess fl-edukazzjoni tagħhom.

5.6. Il-persuna nominata jkollha responsabbilità kontinwa għall-kura tal-pazjenti taħt il-kariga tagħha u li tara li d-dipartiment miexi kif għandu jkun. Hi tagħmel xogħol amministrattiv, kif tkun imqabbda miċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-*Medical Imaging*, li jkollu x'jaqsam mal-kura tal-pazjenti tagħha u mat-tmexxija tad-Dipartiment tal-*Medical Imaging*.

5.7. Il-persuna nominata tkun mistennija li, sakemm hu prattikabbli, tkopri lill-*Consultant Radiologists* oħra meta jkunu bil-*vacation* u *study leave* kif ikun meħtieġ.

5.8. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif meħtieġ u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.9. Il-persuna nominata trid tikkontribwixxi fit-twaqqif ta' mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità fis-servizz u ta' *medical audit*.

5.10. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

required to provide service in any further extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme.

5.3. The appointee will be expected to keep abreast with the current developments in the field of Medical Imaging and participate in postgraduate meetings locally and abroad. He/She will be required to involve himself/herself in the on-going education of clinical colleagues at all levels with regard to the appropriate use of the imaging facilities.

5.4. The appointee will partake in the general reporting of Medical Imaging examinations. Besides the Medical Imaging workload, the appointee will be expected to provide a consultative service to his/her clinical colleagues. This will often be carried out before or after sessions of direct patient clinical activity.

5.5. The appointee will be required to get involved in the supervision of junior radiological and radiographic staff, together with any other local or foreign visiting personnel, and demonstrate an interest in their education.

5.6. The appointee will have a continuing responsibility for the care of patients in his/her charge and for the proper functioning of his/her department. He/She will also undertake administrative duties, as delegated by the Chairman Department of Medical Imaging, that will be associated with the care of his/her patients and the running of the Department of Medical Imaging.

5.7. The appointee will be expected to provide cover for the vacation and study leave of the other Consultant Radiologists as may be reasonably required.

5.8. The appointee will participate in under-graduate and postgraduate teaching and training as required and involve himself/herself in ongoing research programmes.

5.9. The appointee will contribute to the establishment of appropriate mechanisms to ensure quality of service and medical audit.

5.10. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u legiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) ikollhom:

JEW

(i) evidenza ta' eliġibbilità ta' reġistrazzjoni bħala Speċjalista fir-Radjoloġija Dijanjostika fl-Unjoni Ewropea;

JEW

(ii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fir-Radjoloġija Dijanjostika (e.g. FRCR jew kwalifika oħra komparabbli xierqa) u sentejn esperjenza fil-grad ta' *Senior Registrar* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta;

JEW

(iii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fir-Radjoloġija Dijanjostika u ħames snin ta' esperjenza fl-ispeċjalità wara li jkunu ġabu l-imsemmija kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni.

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel, u jagħtu d-dettalji).

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(d) be in possession of:

EITHER

(i) evidence of eligibility for Specialist registration in Diagnostic Radiology in the European Union;

OR

(ii) a higher postgraduate qualification in Diagnostic Radiology (e.g. FRCR or an approved appropriate comparable qualification) and two years experience in the grade of Senior Registrar in the Malta Public Service;

OR

(iii) a higher postgraduate qualification in Diagnostic Radiology and five years experience in the speciality following the attainment of the said higher postgraduate qualification.

(e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7. Tingħata kunsiderazzjoni lill-applikanti li għandhom esperjenza fl-użu ta' *ultrasound* u *topographical imaging modalities* kif ukoll f'*interventional radiological and nuclear medicine techniques*.

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.2 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-*MQRIC* jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet;

10.1 Bord ta' l-għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

11. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

7. Due consideration will be given to applicants who have experience using ultrasound and topographical imaging modalities as well as interventional radiology and nuclear medicine techniques.

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

9.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

9.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than a month from the closing date of the call for applications;

10.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

11. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Mejju, 2006.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Mejju 2006, jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-25 ta' April, 2006

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

13. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 19th May 2006.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 19th May 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 21242884.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

25th April, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Consultant Cardiothoracic Surgeon* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adati u b'esperjenza għall-post ta' *Consultant Cardiothoracic Surgeon* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Consultant Cardiothoracic Surgeon* għandu salarju ta' Lm10,503 fis-sena (Skala ta' Salarju 4).

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmiem għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun soġġetta għal ġimgħa ta' 40 siegħa u wara tkun tista' tissejjaħ fuq bażi ta' *roster*.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Consultant Cardiothoracic Surgeon in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the post of Consultant Cardiothoracic Surgeon in the Health Division.

2. The post of Consultant Cardiothoracic Surgeon carries a salary of Lm10,503 per annum (Salary Scale 4).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be conditioned to a 40-hour week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' filgħodu, imma skond l-esiġenzi tas-servizz, sessjonijiet ta' wara nofsinhar, magħduda s-sessjonijiet ta' l-*outpatients* u ta' l-operazzjonijiet jistgħu jsiru skond l-arranġamenti approvati mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għal benefiċċji u suġġetta għall-kundizzjonijiet li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim relevanti bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata tiħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna fil-grad ta' *Consultant Cardiothoracic Surgeon* tifforma parti mid-Dipartiment tal-*Cardiac Services* u taqa' taħt iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-*Cardiac Services*. Hija tkun mistennija li tieħu sehem fl-attivitajiet u fil-programm tat-tagħlim u riċerka tad-Dipartiment tal-*Cardiac Services*.

5.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem fil-*Unit* li tispeċjalizza fil-*cardiothoracic surgery* fl-Isptar San Luqa taħt iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-*Cardiac Services*. Hi tkun meħtieġa li tipprovdi servizz lil pazjenti b'*acute* jew *chronic cardiac problems* li jeħtieġu kirurġija.

5.3. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li tagħmel regolarment sessjonijiet speċjalizzati fiċ-Ċentri tas-Saħħa skond programmi approvati dwar kura fil-komunità u tista' tkun meħtieġa li tagħti servizz f'xi estensjoni futura oħra ta' servizz tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali komprensiva tas-Saħħa.

5.4. Meta l-persuna nominata tkun *Admitting Consultant (*fuq xogħol), tista' tkun meħtieġa li tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti skond l-esiġenzi tas-servizz. Hi għandha, dak in-nhar filgħaxija, iddur is-sala biex taċċerta, kemm hu prattikabbli, li kull dħul ta' emerġenza li jsir wara nofsinhar u kmieni filgħaxija jiġi eżaminat minnha fl-istess ġurnata tad-dħul.

5.5. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta li d-dixxiplina u l-prattika fis-sala (inklużi l-aspetti ta' l-iġjene) li jaffettwaw il-pazjenti taħt il-kura tagħha, ikun l-ogħla livell possibbli.

5.6. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta t-twettiq ta' programm kontinwu (*on going*) ta' taħriġ u edukazzjoni għall-*istaff* li jieħu ħsieb il-pazjenti taħt il-kura tagħha u tagħti parir lil membri oħra ta' l-i*staff* mediku u kirurġiku fuq affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ispeċjalità.

3.3. The working hours of the appointee shall not necessarily be limited to morning duties, but in accordance with the exigencies of the service, afternoon sessions including outpatient and operating sessions may have to be carried out as per arrangements approved by the Health Division.

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The Consultant Cardiothoracic Surgeon will form part of the Department of Cardiac Services and will be directly accountable to the Chairman, Department of Cardiac Services. He/She will be expected to take part in the activities of the Department of Cardiac Services and to participate in its teaching and research programmes.

5.2. The appointee will be required to perform duties in the Unit specialising in Cardiothoracic Surgery at St Luke's Hospital under the Chairman of the Department of Cardiac Services. He/She will be required to provide a Service to patients with acute or chronic cardiac problems requiring surgery.

5.3. The appointee may be required to hold regular specialised clinics in the Health Centres in accordance with approved community care programmes and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme.

5.4. When the appointee is the Admitting Consultant (on call) he/she may be required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service. He/She is to perform an evening ward round on that date with a view to ensuring, as far as it is reasonably practicable, that emergency admissions in the afternoon and early evening are seen by him/her on the same day of admission.

5.5. The appointee shall be responsible to ensure that ward discipline and practice (including aspects of hygiene) affecting patients under his/her care are of the highest possible level.

5.6. The appointee shall be responsible to ensure the implementation of an (on going) training and education programme in respect of the staff caring for the patients under his/her charge, and will liaise with and advise other members of the medical and surgical staff on matters pertaining to the speciality.

5.7. Il-persuna nominata trid tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif meħtieġ u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.8. Il-persuna nominata tkun trid twaqqaf mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità tas-servizz u verifika medika.

5.9. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet t ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) ikollhom:

JEW

(i) evidenza ta' eliġibiltà għal reġistrazzjoni bħala *Specialist* fil-*cardiac surgery* fl-Unjoni Ewropea;

JEW

5.7. The appointee will participate in undergraduate and postgraduate teaching and training as required and involve himself/herself in ongoing research programmes.

5.8. The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

5.9. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) be in possession of:

EITHER

(i) evidence of eligibility for specialist registration in cardiac surgery in the European Union;

OR

(ii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-ispeċjalità (e.ż. FRCS jew kwalifika oħra komparabbli xierqa) u sentejn esperjenza fil-grad ta' *Senior Registrar* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta;

JEW

(iii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-ispeċjalità (e.ż. FRCS jew kwalifika oħra komparabbli xierqa) u ħames snin esperjenza fl-ispeċjalità wara li jkunu kisbu l-imsemmija kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni;

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

7.1. L-applikanti għandu jkollhom esperjenza wiesgħa fl-maniġġjar ta' *cardiac* u *thoracic surgery* u jkunu mħarrġa sewwa fl-aspetti kollha ta' l-ispeċjalità;

7.2. Xogħol ta' riċerka, pubblikazzjonijiet u kisba akkademika oħra fl-ispeċjalità ta' *Cardiac Surgery* jiġu kkunsidrati u kkreditati.

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet

(ii) a higher postgraduate qualification in the speciality (e.g. FRCS or an approved appropriate comparable qualification) and two years experience in the grade of Senior Registrar in the Malta Public Service;

OR

(iii) a higher postgraduate qualification in the speciality (e.g. FRCS or an approved appropriate comparable qualification) and five years experience in the speciality following the attainment of the said higher postgraduate qualification;

(e) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7.1. Applicants should have a wide experience in the management of cardiac and thoracic surgery and be conversant with all the aspects of the speciality;

7.2. Research work, publication of papers or other academic attainments in the speciality of Cardiac Surgery will be taken into consideration and credited.

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

9.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

9.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education

terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-MQRIC jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibgħatu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet;

10.1 Bord ta' l-għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

11. Il-persuna nominata tkun trid toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adattata għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, fid-Diviżjoni tas-Saħħa, 15 Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Mejju 2006.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Mejju 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikanti trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-25 ta' April, 2006

institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than a month from the closing date of the call for applications;

10.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

11. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

13. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Merchants Streets, Valletta, by not later than noon of Friday, 19th May 2006.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 19th May 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356-21242884.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

25th April, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Inġinier *Junior* jew Inġinier (Servizzi) fil-Fergħa ta' Kordin tad-Dipartiment għall-Manifattura u s-Servizzi tat-Taqsima tax-Xogħlijiet, Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Inġinier *Junior* jew Inġinier fid-Dipartiment għall-Manifattura u s-Servizzi tat-Taqsima tax-Xogħlijiet, Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura.

2.1 Il-post ta' Inġinier għandu salarju ta' Lm5,930 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' Lm192 sa massimu ta' Lm7,082 (Skala ta' Salarju 9).

2.2. Suġġett għal servizz sodisfaċenti, persuna fil-grad ta' Inġinier fi Skala 9 titla' għal Skala 8 (Lm6,306 x 209 – Lm 7,560) wara sentejn Servizz fil-grad u għal Skala 7 (Lm6,713 x 228 – Lm8,081) wara għaxar snin prattika professjonali ppruvata (jew tmien snin prattika wara li tkun kisbet il-*warrant*). Il-perjodu biex persuna titla' minn Skala 8 għal Skala 7 jitnaqqas b'sentejn fil-każ ta' Inġiniera li jkollhom kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni approvata.

3.1 Il-ħatra, li hija bi prova għal sena, hija fuq bazi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u t-Taqsima tax-Xogħlijiet b'mod partikolari. Il-persuna maħtura tista' tkun trasferita skond il-ħtiġiet tas-Servizz Pubbliku Malti.

3.2. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim relevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz

5. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li taħdem fuq bażi ta' *roster* li jinkludu xogħol nhar ta' Ħadd.

6. Id-dmirijiet ta' persuna fil grad ta' Inġinier *Junior* jew Inġinier fid-Dipartiment għall-Manifattura u s-Servizzi jinkludu:

Tipprepara u tassisti fir-rappurtar dwar tiswijiet fil-garaxx;

Tassisti fis-superviżjoni tal-ħaddiema u tax-xogħlijiet li jseħħu fil-garaxx;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Junior Engineer/Engineer (Services) in the Kordin Branch of the Manufacturing and Services Department of the Works Division, within the Ministry for Resources and Infrastructure

The Public Service Commission invites applications for the filling of the post of Junior Engineer/Engineer in the Manufacturing and Services Department of the Works Division, Ministry for Resources and Infrastructure.

2.1 The post of Engineer carries a salary of Lm5,930 per annum, rising by annual increments of Lm192 up to a maximum of Lm 7,082. (Scale 9).

2.2 Subject to satisfactory performance, an Engineer in Scale 9 will proceed to Scale 8 Lm 6,306 x 209 – Lm 7,560) on completion of two years service in the grade and to Scale 7 (6,713 x 228 – Lm 8,081) on completion of ten years of proven professional practice, (or eight years practice after obtaining warrant), provided that the qualifying period for progression from Scales 8 to 7 is reduced by two years in the case of Engineers in possession of an approved post graduate qualification.

3.1 The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Works Division in particular and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5. The appointee may be required to perform duties on roster basis which will include Sunday attendance.

6. The main duties of a Junior Engineer/Engineer in the Manufacturing and Services Department of the Works Division include:

Preparation/assistance in reports regarding repairs in the workshop;

Assistance in supervision of personnel and works being carried out in workshop;

Tassisti fil-preparazzjoni ta' offerti għall-akkwist ta' apparat/materjali u *period contracts* u tassisti lill-Inġinier Anzjan fl-aġġudikazzjoni ta' dawn;

Ko-ordinament bejn l-i*stores* u l-garaxx dwar materjali użati komunament u materjali użati frekwentement;

Ko-ordinament ta' xogħlijiet bejn sezzjonijiet varji fi ħdan il-garaxx;

Irranġar ta' bini u manutenzjoni tal-bini eżistenti; u

Iċċekkjar ta' proċeduri relatati ma' xogħlijiet u *billing* ta' *leasing charges*.

Assistance in preparation of tenders for the procurement of equipment/materials and period contracts and assisting the Senior Engineer in their adjudication;

Co-ordination between stores and workshop regarding common use materials and frequently used parts;

Co-ordination of works between various sections within the workshop;

Improvement of premises and maintenance of existing building; and

Monitoring of procedures related to jobs and billing of leasing charges.

7. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra tal-kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża.

ċ) ikunu gradwati minn Università rikonoxxuta fl-Inġinerija Mekkanika jew Elettrika jew li għandhom l-approvazzjoni ta' Università rikonoxxuta li kkwalifikaw għal din il-lawrja;

d) ikollhom *warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Inġinier f'Malta;

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (dawk li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux iżjed minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-

7. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta,

OR

(ii) citizens of another European Union Member State,

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply),

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

